# IL-MEWT TAL-KANONKU

## DUN ĠAMMARI FARRUGIA

Fil-31 tax-xahar ta' Mejju li għadda, il-Kanonku Dun Ġammari Farrugia, għalaq għajnejh għalkollox, meta jumejn qabel kont tarah dieħel il-Belt għal fil-għaxija wara sigħat sħaħ li jkun għadda l-Knisja jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot, li baqa' jaqdihom bir-reqqa kollha għall-bżonnijiet tar-ruħ tan-nies tal-Parroċċa tal-Ħamrun, fejn kien ilu jgħammar minn xi snin wara l-aħħar gwerra. Fil-funeral li saru l-Birgu "Il-Għaqda" kienet rappreżentata mill-membru tal-Kunsill Dr. A. Buttigieg, B.A., LL.D.

Ma kienx ilu ħlief xi ftit xhur minn mindu f'għeluq is-sittin sena tas-saċerdozju tiegħu, Alla għoġbu jsejjaħlu fi ħdanu u jifirdu minn fost il-bnedmin. Fl-aħħar ħarġa ta' "IL-MALTI" bħala tifkira ta' lik l-okkażjoni hekk solenni u għażiża aħna, għall-qima li għandna lejn il-persuna sagra tiegħu bħala wieħed middekani tas-saċerdoti Maltin, kif ukoll Lejh bħala wieħed mill-eqdem membri tal-"Għaqda", ġibna mal-fotografija tiegħu, il-kliem sabiħ li hu kiteb u stampa u qassam lil ħbiebu fejn Hu fost l-espressjonijiet ta' radd ta' ħajr lil Alla għall-grazzja hekk kbira kien qal: "Mal-milja ta' dawn is-sittin sena, rajt jintfew bħal imsiebaħ li xxettalhom iż-żejt, il-ħajja ta' dawk kollha l-ħbieb fis-Saċerdozju u ta' dawk li fis-sena 1892 ixxierku miegħi fuq l-ARTAL tal-Kbir Alla, u l-lum, bqajt waħdi: l-inqas wieħed denn, fosthom". U hekk il-musbieħ ta' ħajtu, bħal dak ta' sħabu, kellu jintefa wara li s-Sema tah il-grazzja li jkompli l-missjoni tiegħu għal żmien twil ta' 'l fuq minn Sittin Sena li f'għeluqhom, flimkien ma' ħbiebu, Huwa kellu x-xorti, jifraħ għall-aħħar darba u jrodd ħajr lil Min għoġbu jxidd il-Persuna tiegħu fuq l-Artal Imqaddes ta' l-Akbar Sagrifiċċju għas-salvazzjoni tal-bnedmin tad-Dinja.

Dun Ġammari Farrugia, wieħed mill-eqdem Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", kien u jibqa' wieħed mill-isbaħ figuri li żejnu l-paġni ta' l-Istorja ta' l-istess "Għaqda", għall-ġid li rat minnu sew bħala kontributur f'"IL-MALTI", kemm ukoll bħala membru benefattur. Hu kien ta' għajnuna kbira sew meta ssieħeb mal-membri f'kull intrappriża tal-"Għaqda", kunċerti, laqgħat akkademiċi u bżonnijiet oħra, kemm ukoll meta għoġbu jilqa' ġo daru lir-Reverendu C.L. Dessoulavy, Membru Onorarju

u Korrispondent tal-"Għaqda", li għogħbu jiġi hawn Mala biex jkollu l-pjaċir jiltaqa' magħna u jagħti wkoll xi konferenzi.

Xi xahrejn ilu, bħala tifkira tal-għożża tiegħu għall-"Għaqda", donnu għax kien jaf li kien riesaq għalih il-waqt li jinfired minna, huwa għoġbu jħallilna rikordju sabiħ u mhux inqas għażiż minn ħwejjeġ oħra li ħallielna f'"IL-MALTI", bil-kitba tiegħu—u dan hu r-ritratt tiegħu, imdawwar bi gwarniċa indurata, li l-membri jistgħu issa jaraw imdendel ma' xi oħrajn fid-Dar tal-"Għaqda" u biex b'hekk jibqgħu jiftakru fih bħala wieħed mill-aqwa u l-eqdem ħbieb tal-"Għaqda". Nitolbu għalih.

a. c.